**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI CIVILI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

**Rikors nru: 184/2016 CFF**

**ANTHONY ZARB**

**VS**

**SPORT MALTA**

**Illum 5 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlettax-il elf u disgha mija u sitta u hamsin Euro (€13,956) rapprezentanti l-import globali ta' tlett fatturi datati 26 ta' Marzu, 2013, 9 ta' Jannar, 2014, u 31 ta' Marzu, 2014 ghall-import ta' €7,167, €1,609 u €5,180 rispettivament (ara Dok AZ1, AZ2 u AZ3 annessi ma' Dok AZ hawn anness).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 87/15 hawn annessa u bl-imghax kif mitlub fl-ittra.

Rat ir-**risposta ta' Sport Malta gja Kunsill Malti ghall-Isport** fejn eccepiet:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet-

1. Li l-ammont reklamat mir-rikorrent mhux dovut peress li thallas ghas-saldu ta' dak kollu dovut lilu ghall-appart li gie nkarigat jezegwixxi;

2. Li minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent mhux responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe xogholijiet li gew ezegwiti oltre dak originalment miftiehem fil-kuntratt ta' appalt;

3. Li wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hlas zejjed pretiz ma jistax isir peress li jmur kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, Avviz Legali 296 tal-2010 li jirregolaw lill-esponenti.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

**Anthony Zarb**, fl-affidavit tieghu jispjega li kien gie mqabbad diversi drabi mill-Kunsill Malti ghall-Isport sabiex jghamel xoghol ta' elettriku. L-ahhar kuntratt li kellu, kellu limitu ta' €7000 liema kuntratt kien johrog mill-Facility Managers li kienu jiffirmaw job sheet fejn jikkonfermaw li x-xoghol sar, wara li jkun tlesta effettivament ix-xoghol. La darba lahaq il-kreditu ta' €7,000, Anthony Zarb kellem lil Facility Manager tal-Pixxin, Dermot Galea u lil Procurement Offier, Joe Ludwig Cassar fejn dawn infurmawh sabiex ikompli bix-xogholijiet sakemm jghidulu huma. Fil-fatt, Anthony Zarb ghamel €7167 xogholijiet li ghadu ma thallasx taghhom, fosthom €1,609 harighom minn butu sabiex jixtri l-materjal. Jikkonferma li ghal kull bicca xoghol illi ghamel, ghandu job sheet iffirmata mill-ufficjal tal-KMS. Jispjega li anke tqabbad sabiex jghamel xi xoghol fil-ground tal-Verdala liema xoghol kellu jammonta €1,179.86 izda peress li hekk kif beda x-xoghol, irrizulta li kien hemm bzonn ta' aktar intervent, l-ammont tax-xogholijiet li saru tela' ghal €5,180, liema ammont ghadu ma thallasx. Kellu pressjoni kbira mill-Ministru li jaqa' tahtu l-KMS sabiex dan ix-xoghol jitlesta u sahansitra anke jien idum sad-9:00 p.m. sabiex ilesti dawn ix-xogholijiet.

Fix-xhieda tieghu tat-18 t'Ottubru, 2016, is-sur Anthony Zarb jikkonferma li ghall-kuntratt fejn kellu limitu ta' €7,000, ix-xogholijiet saru u thallas. Huwa kien inghata struzzjonijiet minghand Joe Ludwig Cassar sabiex ikompli x-xogholijiet il-Pixxina u ma jieqafx qabel ma jordnalu hu, anke jekk qabez il-limitu miftiehem fil-kuntratt. Ghalhekk,

ghal kull xoghol li kien jghamel Anthony Zarb kien jinforma lill-Joe Ludwig Cassar. Gara illi Anthony Zarb ircieva karta fejn gie orndat jieqa u ebda xogholijiet li kienu se jsiru wara t-30 ta' Dicembru, 2013 ma kienx ser jithallas tieghu. Ghalhekk gabar il-kontijiet kollu tieghu, tahom lil KMS izda baqa' ma thallasx. Jispjega li x-xoghol tal-Verdala kien jikkonsisti li kellu jitla' ma arbli 21 metru gholi fejn sab li kien hemm dizastru u kien issuggerixxi lil Joe Ludwig Cassar sabiex ibiddel kollox. Is-sur Amaira, Segretarju tal-Ministru kien icempillu ta' spiss lil Anthony Zarb sabiex isaqsih meta kien se jibda x-xogholijiet il-Verdala. Jikkonferma li qed jitlob is-somma ta' €1609 li huma spejjez u l-ammont ta' €5180 li huma xoghol fuq l-arbli tad-dawl tal-Verdala. Anthony Zarb jikkonferma li s-somma dovut lilu hija ta' €13,956.

**Claude Vella**, inginier fl-elettriku kien ikun supervisor ta' Anthony Zarb meta dan tal-ahhar kien jitqabbad mill-KMS biex jghamel bicca xoghol. Jispjega li Anthony Zarb kien tqabbad sabiex il-floodlights li ma kienux qed jahdmu fil-facilita' tal-Verdala, jirrangahom biex jinxtghelu. Jikkonferma li x-xoghol ta' Anthony Zarb kien sar tajjeb.

**Dermot Galea**, kien Manager tal-Pixxina Nazzjonali u jiftakar li Anthony Zarb kien tqabbad bhala electrician sabiex jghamel xi xogholijiet. Il-procedura kienet li Dermot Galea kien jghamel lista ta' xogholijiet li kellhom isiru u jghaddiha lil procurement officer u la darba s-sur Zarb jaghmel ix-xogholijiet, dan tal-ahhar kien jghaddi job sheet lil Dermot Galea u jigi kkonfermat li x-xoghol ikun sar. Is-sur Zarb kellu limitazzjoni ta' kemm kellu jonfoq bhala spejjez u meta Dermot Galea sar jaf li din il-limitazzjoni nqabzet, talab lis-sur Zarb jitkellem mal-procurement officer sabiex jiftehmu bejniethom ta' x'kien il-pass li jmiss.

Saret it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz, l-attur qieghed jitlob ghal hlas ta' xoghol li huwa ghamel wara li kien inghata struzzjonijijet minn ghand il-konvenut Sport Malta. Illi minn naha tal-konvenut Sport Malta fejn ecepiet li l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut kemm ghal ragunijiet li huwa kien thallas ghas-saldu ta' dak kollu lilhu dovut kif ukoll li l-istess Sport Malta ma hiex responsabbli ghal tali hlas ghal kwalunkwe xogholijiet li sar oltre minn dak li

sar ghal hlas tieghu. Illi fl-istess waqt ghamlet ukoll referenza ghal dak li hemm fl-Avviz Legali 296 tal-2010 liema regolamenti li hlas zejjed ma jistax isir peress li jmur kontra dawn l-istess regolamenti.

Illi l-attur minn naha tieghu kemm fl-affidavit tieghu u anki meta xehed f'dawn il-proceduri, qal li huwa kien jitqabbad sabiex jaghmel xoghol ta' tiswijiet u tibdil ta' oggetti relatati ma' elettriku. Huwa ikkonferma fil-fatt li dak ix-xoghol li kien jaqa' fil-kuntratt meta kien gie stabbilit ghall-ammont ta' sebat elef Ewro (€7000) kien thallas tieghu. Illi ghalkemm kien ghamel xoghol iehor baqa' ma thallasx tieghu anki ghal dak ix-xoghol li tqabbad mill-Facility Manager u persuna ohra fi hdan Sport Malta. Illi minghajr dubju huwa car li kienet l-istess Sport Malta li qabdet lill-attur sabiex jaghmel dak ix-xoghol necessarju gewwa l-facilitatjiet taghha stess. Illi ghalkemm dan ix-xoghol gie iffirmat minn wiehed mill-impjegati tal-istess socjeta' huwa ovvju li kienet l-istess Sport Malta li ibbenefikat minn tali manutenzjoni u tiswijiet li saru. Illi ta' min jinnota dak li hemm fl-artikolu 6(1)(t) tal-Kap 455 (l-Att Dwar l-Isports) meta jistabbilixxi li l-funzjonijiet ta' SportMalta, fost l-ohrajn huma huwa espressament li:

> "li jirregola l-livelli tal-manutenzjoni, tmexxija, sigurta` u livelli ta' servizzi u thaddim ta' facilitajiet sportivi";

Illi ghalhekk ix-xogholijiet fejn saru kien jaqghu taht ir-responsabilita' tal-istess Sport Malta. Illi mid-diversi dokumenti esebiti, jidher li dawn il-job sheets (minn fol 26 et seq) gew iffirmati (hlief wahda li m'ghandha ebda firma – fol 26) minn persuna li ghamlet hekk ghan-nom ta' KMS. Illi kif inghad, il-bicca l-kbira tal-job sheets gew iffirmati minn Dermot Galea ghan-nom ta' KMS (fejn illum hija maghrufa bhala Sport Malta).

Skont l-attur Anthony Zarb huwa dejjem kien gie mqabbad biex jaghmel ix-xoghol gewwa l-facilitajiet ta' Sport Malta u qatt ma ghamel xoghol minn jeddu fejn wara baghat id-dokumenti sabiex jithallas. Illi kien hawn li kellu l-problemi ghax hadd ma kien tah risposta dwar x'kien se jigri ghalkemm kien ghamel dak ix-xoghol kollu li kien gie mqabbad jaghmel skoint ma kien hemm fil-job sheet. Illi l-unika darba li huwa kien gie infurmat li ma kienx sejjer jithallas tax-xoghol kien meta rcieva email minn ghand Joseph Ludwig Cassar fit-30 ta' Dicembru 2013. Illi fl-istess email (dok AZ1 a fol 64) kien gie spjegat lilu, li l-ammont fil-quotation kien skada u kwalunkwe xoghol wara din id-data, xoghol gdid ma kienx sejjer jithallas.

Illi f'dan il-kaz din il-korrispondenza ma gietx ikkontesta min-naha ta' Sport Malta u lanqas ma resqet prova sabiex tghid ir-ragunijiet taghha li l-attur ma kienx se jithallas tax-xoghol tieghu qabel din id-data. Lanqas jista' jinghad f'dan il-kaz li x-xoghol maghmul mill-attur ma kienx tajjeb jew li ma kienx a sodisafzzjoni tal-istess Sport Malta u dan kif jixhdu l-istess engineer li jahdem mal-istess Sport Malta meta xehed f'dawn il-proceduri. Illi ghalkemm ix-xoghol ma giex icertifikat sabiex jinhareg il-hlas dan ma jfissirx li ma kienx tajjeb tant li fil-fatt ix-xoghol li sar kien tajjeb.

Illi l-istess Dermot Galea ikkonferma li l-istess attur kien ghamel xoghol u ma kienx thallas tieghu. Illi fil-fatt minn dak li qal l-istess xhud:

> *"Naf li kien hemm xi xoghol ta' floodlights, xi xoghol fic-changing rooms ghax kien hemm xi plakkek li kienu qieghdin fuq livel hazin, xi xoghol ta' tibdil ta' tubi fil-kuritur u fic-changing rooms, dawk niftakar."*

Illi minn din is-silta tax-xhieda tieghu jigi kkonfermat li l-istess attur kien ghamel xoghol ghal dak li hemm fl-istess dokumenti li huwa stess esebixxa specjalment fuq ix-xoghol indikat tal-floodlights. Illi ma' dan il-fatt anki hemm ix-xhieda tal-istess Claude Vella meta xehed fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 fejn huwa jaghmel xi xoghol mal-istess Sport Malta. Huwa fil-fatt ikkonferma li l-istess KMS kienet qabdet lill-Anthony Zarb sabiex jaghmel xoghol fuq installazzjoni ta' floodlights. Illi minn naha tieghu kkonferma wkoll li dan ix-xoghol sar sew u ma kienx hemm problemi li x-xoghol ma kienx sar sewwa. Illi dan ix-xoghol kollu kien sar taht l-istess supervizzjoni tal-istess Claude Vella. Illi dan il-fatt jindika wkoll li l-istess Anthony Zarb ghamel dak kollu mitlub mill-istess Sport Malta sabiex jitwahhlu l-floodlights.

Illi minn naha tal-istess Claude Vella semma li l-istess Sport Malta kienet ghada ma talbitx sabiex jigi ccertikat ix-xoghol li sehh. Illi ta' min jinnota li fl-istess xhieda tieghu semma li x-xoghol isir skont rati li jkun gie mifthiem bejn il-partijiet. Illi dan ix-xoghol kollu sar ghal Sport Malta (senjatament kif kienet maghrufa bhala l-Kunsill Malta ghall-Isport - KMS). Illi minn dak li xehed l-istess Claude Vella, ghalkemm ikkonferma li x-xoghol kien sar ma semma xejn meta kien sehh ix-xoghol jekk hux wara id-data indikata fl-email jew inkella qabel. Illi ghalhekk il-Qorti jkolla tistrieh fuq il-kelma li ta l-istess attur kif ukoll fuq id-dokumenti esebiti u cioe' mill-job sheets.

Illi għalkemm jidher ċar li l-istess Sport Malta kienet lesta li tħallas tax-xogħol li kien sar mit-30 ta' Diċembru 2013 bl-email tagħha stess. Illi għalhekk ma tistax issa tasal u tgħid li l-ammont pretiż mill-attur mhux dovut meta bagħtet email fejn qiegħda tikkonferma li ħlas sejjer isir sa data partikolari u mhux wara. Illi għalhekk wara dik id-data tat-30 ta' Diċembru 2013 l-istess attur kien jaf b'din iċ-ċirkostanza li huwa jista' ma jitħallasx ta' xogħolu. Illi wkoll fl-istess email kien hemm diversi persuni oħrajn li kienu jafu b'din iċ-ċirkostanza u ma ħasbux darbtejn sabiex iqabbduh jagħmel xogħol ieħor kif indikat mid-dokumenti esebieti f'dak li hemm fid-dokumenti li jinsabu a fol 42 u 43.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalhekk is-sitwazzjoni illum hi li l-attur għamel xogħol fil-proprjeta' tal-konvenut u ma tħallasx tiegħu. Illi fil-kors tat-trattazzjoni saret referenza għall-kunċett ta' arrikkiment indebitu fejn hu definit fl-Artikolu 1028A tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:-

> "Min, mingħajr kawża ġusta**,** jarrikkixxi għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna"

Skond l-Artikolu 1028A, l-arrikkiment indebitu jrid isir mingħajr kawża ġusta. M'hemmx dubju li l-konvenut ħa beneficcju mix-xogħol li għamel l-attur. Issa kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet '*Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd'*, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Frar 2010 jeħtieġ li:

*"Kombinati flimkien għandu jirriżulta illi l-presupposti ta' l-arrikkiment jinkludu:-*
*(i) l-arrikkiment ingustifikat,*
*(ii) id-dannu,*
*(iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment*
*(iv) in-nuqqas ta' ġusta kawża, u*
*(v) il-mankanza ta' xi azzjoni oħra stabbilita mil-liġi."*

Illi isegwi u dan huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrali li mhux leċitu li wieħed jagħmel profitt a skapitu ta' ħaddieħor. Konċettwalment, il-profitt huwa dak li għandu dritt għalih il-persuna li tkun għamlet din it-tip ta' kawża u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali indebitu hija ntitolata li tirċievi kumpens ġust, li għandu allura jkun simili jew jekwivali għall-valur tal-benefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fil-kawża "**Emanuel Bartolo vs Victor Micallef**" (P.A. - 28 ta' Ottubru, 2004) ingħad li:-

> "*Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz, u għandha l-mira li terġa'*

*trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata*".

Il-Prim' Awla, fis-sentenza ***Josephine Gusman vs. Anthony Agius et*** (deċiża fil-21 ta' Jannar 2004), qalet:

"*Illi l-azzjoni intentata mill-attrici hija "l'azione sussidiaria de in rem verso [che] si concede nei casi nei quali non e esperibile l' azione ex contractu ed ha fondamento e limite nel vantaggio recato al terzo; per cui ove tale vantaggio mancasse tale azione non sarebbe esperibile" [App.C.* ***Giuseppe Scicluna vs Burges Watson*** *[1901].* Hija *bazata fuq l-ekwita' u wiehed mill-elementi essenzjali taghha huwa l-indebitu arrikkiment li skond id-dottrina* ***Wilbrahim Tennyson Ford vs George Galea*** *[1940].*
*Il-fondament ta' din l-azzjoni, imsejha wkoll ekwitattiva jew sussidjarja, ghandha l-limiti taghha fil-vantagg li terza persuna takkwista u hija estisa ghall-kazijiet kollha li jkunu juru li kien hemm lokupletazzjoni effettiva a dannu ta' haddiehor in forza tal-principju jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem [PA* ***Vincent Parnis vs Avukat Dr. Giuseppe Vella*** *[1955]*
*Dwar l-elementi necessarji ghas-success ta' din l-azzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta, osservat li jehtieg jikkonkorru tlett fatturi: "[1] Li l-haga li tkun giet versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita' tieghu; [2] li dak il-passagg tal-haga jkun sar b' titolu lukrattiv; u [3] li min ikun irceviha jkun sar aktar sinjur b' dak li jghaddi ghandu.*""

Huwa stabbilit li "*n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att promotur tal-proċediment*" (ara ***Doris u Alfred konjuġi Ellul vs. Francis Camilleri***, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2003 kif ukoll il-gurisprudenza hemm ikkwotata). F'dan il-kaz, l-att promotur la jsemmi u lanqas jalludi għall-kuncett tal-arrikkiment indebitu. Illi pero fil-kaz in desamina bla dubju jirrizulta li kien hemm xoghol li twettaq mill-attur ghal beneficcju tal-konvenut li baqa' ma hallasx tieghu. Il-konvenut ha l-benficcji konsistenti fix-xoghol li ghamel l-attur minghajr ma hallas ghalihom, li l-attur sofra dannu ghaliex kellu johrog hlas huwa sabiex jaghmel tajjeb ghax-xoghol li ghamel fuq il-proprjeta' tal-konvenut. Ir-rabta bejn il-konvenut u l-attur tikkonsisti f'li l-attur onora dak kollu li huwa gie mqabbad jaghmel mix-xoghol li jidher fil-Job Sheets fejn anki gie kkonfermat li tlesta ghas-sodisfazzjoni tal-istess konvenut. Waqt li l-konvenut ma onora l-ebda parti mill-ftehim u baqa' b'dak li ha minghajr ma kkumpensa lill-attur tax-xoghol li ghamel salv ghal dak li kien diga mifthiem fuq l-

appalt. Zgur li ma hemmx kawza gusta ghaliex ma jirrizultax ghaliex l-konvenut ma riedx ihallas ta' xoghol hazin jew li ma kienx imqabbad mill-istess konvenut.

Jinghad li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova konkreta sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dak li l-atturi stqarrew li hallsu effettivament ma thallasx minnhom u li s-somom indikati fid-dokumenti esebiti ma gewx kontestati bl-ebda mod. Illi l-unika difiza li tqajjem kienet dwar l-Avviz Legali 296 tal-2010. Lanqas jidher li l-istess konvenut ma ha l-izbriga li jara jekk fil-fatt wara li qabbad lill-istess attur sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet mitluba lilhu kienux jeccedu jew inkella li mhux qieghda tintuza il-procedura mitluba. Illi ma jistax issa wara li l-konvenut ibbenifika minn tali xoghol jinheba wara dak li hemm fl-Avviz Legali. Kienu l-istess haddiema tal-konvenut li qabdu lill-attur sabiex jaghmel dak ix-xoghol necessarju u qatt ma raw jekk kienx jaqa' that xi procedura partikolari. Kien mitlub li jsir ix-xoghol u hekk ghamel l-attur u ta' dan ippretenda li jithallas tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet ta' Sport Malta gia l-Kunsill Malti ghall-Isport u konsegwentement u ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut Sport Malta sabiex ihallas l-ammont ta' tlettax-il elf u disgha mija u sitta u hamsin Euro (€13,956) lill-attur Anthony Zarb flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji inkluzi l-ispejjez tal-Ittra Ufficjali bin-Numru 87/15 jithallsu mill-konvenut Sport Malta.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**